MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 45/2000/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**Jonathan Tonna u Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mill-Kontrollur tad-Dwana fit-13 ta' Jannar 2000 permezz ta' liema jitlob li Jonathan Tonna u Joseph Muscat jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' disa' mija hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm975), illum ekwivalenti ghal elfejn mitejn wiehed u sebghin Euro u erbatax-il centezmu (€2,271.14), bhala VAT/ETI dovuta fuq il-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee, li kien dahal Malta *duty free* skond il-Ligi, izda li imbaghad inbiegh lil persuni Maltin bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' importazzjoni *duty free* ai termini ta' *National Notes* tal-Kapitolu 89 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Dazji ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-VAT/ETI ammontanti ghal Lm975, illum €2,271.14, hu dovut, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru 1999, kontra Jonathan Tonna u Joseph Muscat;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Joseph Muscat permezz ta' liema jeccepixxi li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez, stante li meta huwa xtara d-dghajsa mertu tal-kaz huwa xtraha bid-dazju imhallas u ghalhekk id-dazju dovut ghandu jithallas mill-konvenut l-iehor Jonathan Tonna, dwar liema pretensjoni gie ipprezentat kontestwalment Avviz fl-ismijiet "Joseph Muscat v. Charles Schembri u Jonathan Tonna", fejn Charles Schembri kien id-*dealer* involut fil-bejgh;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Jonathan Tonna permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) fl-ewwel lok u preliminarjament, l-azzjoni attrici hija

preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-dezerzjoni tal-kawza stante li ghaddew 'l fuq minn sitt xhur rikjesti mill-Ligi ghall-gheluq tal-proceduri bil-miktub ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, huwa ma huwiex il-proprjetarju attwali tal-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee stante li f'Awwissu 1997 huwa kien partat din id-dghajsa ma' dghajsa ohra proprjetà ta' Charles Schembri filwaqt li f'Dicembru 1997 hu kien iffirma il-*bill of sale* ta' l-istess dghajsa li permezz tieghu din giet trasferita a favur il-konvenut Joseph Muscat; u (iii) fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat da parte ta' l-attur fl-Avviz ma huwiex dovut;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-3 ta' Marzu 2008[1] permezz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tad-dezerzjoni sollevata mill-konvenut Jonathan Tonna u rat is-sentenza moghtija fl-1 ta' Dicembru 2008[2] permzz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Jonathan Tonna;

Semghet ix-xhieda ta' Aldo Mifsud, Principal fid-Dipartiment tad-Dwana, moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2009[3] u x-xhieda ta' David Sciberras, in rapprezentanza ta' l-attur, moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2010[4], tat-3 ta' Frar 2011[5] u tas-16 ta' Frar 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "TC1" sa' Dok. "TC6" a fol. 120 sa' 125 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Jonathan Tonna moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2010[7] u x-xhieda tal-konvenut Joseph Muscat moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010[8];

Rat il-kopja ta' estratt mill-Att XXXV ta' l-1989, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, esebita mill-attur permezz ta' Nota ipprezentata fl-20 ta' Mejju 2009[9], rat il-fotokopja tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta a fol. 89 sa' 92 tal-process u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut Jonathan Tonna bhala Dok. "JT' u Dok. "JT1" permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2010 a fol. 106 sa' 109 tal-process. Rat il-kopja tal-file relattiv ghad-dghajsa mertu tal-kontestazzjoni inkluzi l-minuti ta' l-istess file esebita mill-attur bhala Dok. "DS1" permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' April 2012;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Dwana) già Kontrollur tad-Dwana a fol. 143 sa' 145 tal-process u rat in-Noti Responsivi tal-konvenut

[1] Fol. 68 sa' 71 tal-process.
[2] Fol. 75 sa' 77 tal-process.
[3] Fol. 80 sa' 82 tal-process.
[4] Fol. 96 sa' 99 tal-process.
[5] Fol. 126 sa' 127 tal-process.
[6] Fol. 138 tal-process.
[7] Fol. 101 sa' 104 tal-process.
[8] Fol. 110 u 111 tal-process.
[9] Fol. 83 sa' 87 tal-process.

Jonathan Tonna a fol. 147 sa' 150 tal-process u tal-konvenut Joseph Muscat a fol. 151 sa' 157 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' Lm975, illum ekwivalenti ghal €2,271.14, rapprezentanti VAT/ETI dovuta fuq il-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee, liema yacht dahal Malta *duty free* skond il-Ligi izda imbaghad gie trasferit a favur persuni Maltin bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni *duty free* ai termini tan-*National Notes* tal-Kapitolu 89 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana ghalhekk li saret dovuta l-imsemmija somma ta' Lm975, ekwivalenti ghal €2,271.14, bhala VAT/ETI.

Il-konvenut Joseph Muscat jilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-istess attur stante li d-dghajsa in kwistjoni giet akkwistata minnu bid-dazju imhallas u ghalhekk kwalunkwe dazju dovut ghandu se mai jithallas mill-konvenut l-iehor Jonathan Tonna. Il-konvenut Tonna da parte tieghu jilqa' ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet fosthom l-eccezzjoni tad-dezerzjoni u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema zewg eccezzjonijiet gew michuda b'sentenzi rispettivament pronuncjati fit-3 ta' Marzu 2008 u fl-1 ta' Dicembru 2008. Apparte dawn l-eccezzjonijiet il-konvenut Tonna jeccepixxi wkoll li: (a) huwa ma huwiex il-proprjetarju attwali tal-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee in kwantu f'Awwissu 1997 huwa kien partat din id-dghajsa ma' dghajsa ohra proprjetà ta' Charles Schembri u f'Dicembru ta' l-istess sena kien iffirma l-*bill of sale* sabiex id-dghajsa mertu tal-kontestazzjoni tigi trasferita a favur il-konvenut Joseph Muscat; u (b) fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat da parte ta' l-attur fl-Avviz ma huwiex dovut.

Il-fatti tal-kaz in ezami huma relattivament semplici u jikkonsistu fis-segwenti:

- Il-yacht Gracey Lee iddahhalet Malta f'Gunju 1992 minn certa Eileen Robson u peress illi din Robson ma kenitx Maltija u l-yacht in kwistjoni kien jizen iktar minn hames tunnellati bil-Ligi dwar Dazji ta' Importazzjoni kif kienet dak iz-zmien l-istess yacht thalla jidhol Malta bla hlas ta' dazju ta' importazzjoni[10];
- F'Mejju 1995 dan il-yacht gie trasferit a favur il-konvenut Jonathan Tonna li ghadda biex jsemmi l-istess yacht MY Stranamore[11];
- Wara ftit snin, senjatament f'Awwissu 1997, il-konvenut Tonna a sua volta partat l-istess yacht ma' dghajsa ohra proprjetà ta' certu Charles Schembri u

[10] Xhieda moghtija minn Paul Mifsud, Principal fid-Dipartiment tad-Dwana, moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2009, fol. 80 sa' 81 tal-process.
[11] *Ibid.*

f'Dicembru 1997 huwa ffirma l-*bill of sale* relativa ghall-MY Stranamore biex il-yacht seta' jigi trasferit a favur il-konvenut Joseph Muscat[12];

- Fl-10 ta' Marzu 1999 id-Dipartiment tad-Dwana gie infurmat li l-yacht in kwistjoni kien gie trasferit minn persuna mhux cittadin ta' Malta a favur persuna cittadin ta' Malta[13];
- Il-Kontrollur tad-Dwana ghalhekk deherlu li b'konsegwenza tat-trasferiment ta' l-imsemmi yacht saret dovuta l-VAT (ghalkemm illum qed jitlob ukoll il-hlas ta' l-ETI) fuq dan il-yacht u interpella kemm lill-konvenut Jonathan Tonna kif ukoll lill-konvenut Joseph Muscat ghall-hlas tal-VAT skontu dovuta[14];
- Il-konvenuti entrambe baqghu inadempjenti u l-Kontrollur tad-Dwana istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront taghhom.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-attur jispjega b'mod car l-iskop ta' l-azzjoni minnu istitwita fil-konfront tal-konvenuti. In effetti huwa jissottometti li *jirrizulta car mill-atti li l-yacht Stranamore gia Gracey Lee kien gie imdahhal Malta fit-30 ta' Gunju 1992 minn Eileen Robson u ddahhal taht regime ta' taxxa sospiza (illum emendat) ai termini ta' l-Att XXXV tas-sena 1989 (vide Dok. KD1 ipprezentat fl-atti fl-20 ta' Mejju 2009). Illi ghalhekk dan il-yacht ma setgha qatt jibqa u jintuza minn persuna Maltija jekk mhux bil-permess ta' l-esponent u/jew wara li jithallsu l-ammonti kollha relatati ma' l-importazzjoni ta' l-istess yacht. <u>Illi peress li jirrizulta car mill-provi in atti li l-intimati xtraw u fil-fatt gie trasferit lilhom l-imsemmi yacht, l-esponent talab l-amont ta' VAT/ETI sopsiz li skatta fil-mument li l-esponent gie a konjizzjoni tal-fatt li l-imsemmi yacht ghadda fil-pussess ta' persuna Maltija li ma kienetx intitolata ghal din l-esenzjoni</u>[15].*

Peress illi huwa ferm car li l-qofol tal-kwistjoni kollha ticcentra madwar taxxi fuq importazzjoni, f'dan il-kaz ta' yacht, li skont l-attur kienu bis-sahha tal-Ligi sospizi fiz-zmien ta' l-importazzjoni izda in segwitu saru dovuti minhabba trasferiment ta' l-istess yacht, il-Qorti hi tal-fehma li l-Ligijiet li jridu jigu ikkunsidrati ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri huma s-segwenti: (a) il-Ligi dwar Dazji ta' Importazzjoni; (b) il-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; u (c) il-Ligi dwar it-Taxxa tad-Dwana u s-Sisa. Naturalment dawn il-Ligijiet ma ghandhomx jigu ikkunsidrati kif inhuma applikabbli u vigenti llum izda ghandhom jigu kkunsidrati kif applikabbli u vigenti fiz-zmien meta il-yacht in kwistjoni iddahhal l-ewwel darba f'Malta **u** fiz-zmien ta' l-ewwel trasferiment ta' l-istess yacht, ossia tat-trasferiment minn Eileen Robson jew rapprezentant taghha a favur il-konvenut Jonathan Tonna.

L-Artikolu 4(1) ta' l-Att XXXV ta' l-1989, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, kif applikabbli fiz-zmien meta l-yacht Gracey Lee iddahhal Malta minn Eileen

[12] Xhieda moghtija mill-konvenut Jonathan Tonna waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2010, fol. 101 sa' 104 tal-process.
[13] Xhieda moghtija minn Paul Mifsud, Principal fid-Dipartiment tad-Dwana, moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2009, fol. 80 sa' 81 tal-process.
[14] Dok. "TC3" sa' Dok. "TC6" a fol. 122 sa' 125 tal-process.
[15] Sottolinear tal-Qorti.

Robson – ossia fl-1992 – kien jipprovdi li *ghandhom jigu miltuba u migbura mill-Kontrollur tad-Dwana akkont tal-Gvern – (a) id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Rata ta' Dazju" taht "Generali" tat-Tariffa tad-Dwana fuq l-oggetti kollha li ghandu jithallas fuqhom dawk id-dazji w enumerati fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati f'pajjizi li ma jkunux dawk tal-Kommunità u li jkunu importati f'Malta jew mahruga mid-depozt ghall-uzu jew konsum f'Malta; (b) id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Rata ta' Dazju" taht "K.E.E." tat-Tariffa tad-Dwana fuq l-oggetti kollha li fuqhom ghandhom jithallsu dawk id-dazji w enumerati fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Kommunità u li jkunu importati f'Malta jew mahruga mid-depozt ghall-uzu jew konsum f'Malta*.

It-Tariffa tad-Dwana li ghaliha jaghmel referenza l-imsemmi Artikolu tal-Ligi tinsab fl-Ewwel Skeda ta' l-Att u dak iz-zmien in-Noti Nazzjonali ghall-Kapitolu 89 ta' dik it-Tariffa li kien jittratta dwar *Bastimenti, Dghajjes u Strutturi li jzommu f'wicc l-ilma* kienu jipprovdu li *ghall-finijiet ta' intestaturi Nri.89.03 u 89.06 "yachts" "pleasure crafts" u "hulls" ta' tunnellag ta' 5 tunnellati w aktar meta dawn ikunu impurtati: (a) minn persuni li ma humiex cittadini ta' Malta; (2) emigranti li gew lura; (3) barranin residenti f'Malta li jkollhom il-permess ta' residenza mahrug skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1970 dwar l-Immigrazzjoni, kemm-il darba l-prezz tax-xiri ma jkunx gie miksub minn fondi li ma jkunux fondi lokali; jew (b) minn xi kumpannija registrata f'Malta b'mhux aktar minn 10% ta' l-azzjonijiet taghha li jkunu proprjetà ta' persuni imsemmija fis-subparagrafi 1,2 u 3 tal-paragrafu (a) ta' din in-nota, kemm-il darba l-prezz tax-xiri jkun gie miksub minn fondi li ma jkunux fondi lokali, ghandhom jithallew jidhlu bla hlas ta' dazju ta' importazzjoni. **Izda "yachts" "pleasure crafts" u "hulls" importati bhala li mhumiex suggetti ghad-dazju taht din in-nota jkunu suggetti ghad-dazju taht intestaturi Nri: 8903.91.00, 8903.92.00 u 8903.99.00 jew intestatura Nru.89.06 malli jigu trasferiti lil xi persuna imsemmija f'(a) ta' din in-nota jew lil xi kumpannija registrata f'Malta li ma tkunx kumpannija msemmija fil-pagarafu (b) ta' din in-nota**[16].*

Il-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud giet introdotta bl-Att XII ta' l-1994 u l-Artikolu 4 ta' l-imsemmi Att kien jipprovdi li *bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att ghandha tintalab, tigi imposta u tingabar f'isem il-Gvern taxxa fuq il-valur mizjud – (a) fuq kull provvista taxxabbli, u (b) fuq kull importazzjoni taxxabbli **li jsiru fl-ewwel ta' Jannar 1995 jew wara dik id-data**[17]. Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull ezenzjoni mit-taxxa moghtija b'xi ligi ohra jew bis-sahha taghha.* L-ezenzjonijiet mill-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fir-rigward ta' importazzjonijiet kienu trattati fl-

[16] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[17] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.

Artikolu 11(1)(b) u (3) ta' l-Att, li kien jipprovdi: *(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu – (b) l-importazzjonijiet li tapplika ghalihom it-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma importazzjonijiet ezentati. ... (3) Kull disposizzjoni li tinsab f'xi ligi jew bis-sahha ta' xi ligi li taghti setgha lill-Ministru li jaghti ezenzjoni fuq l-importazzjoni ta' oggetti minn Dazji ta' Importazzjoni li jithallsu bis-sahha ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni ghandha titqies bhala li taghti setgha lill-Ministru li jaghti, fl-istess cirkostanzi, bl-istess mod, u* ***suggett ghall-istess kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li dwarhom ikun hemm provdut f'xi disposizzjoni bhal dik****, ezenzjoni mit-taxxa li tingabar bis-sahha ta' dan l-Att fuq importazzjoni ta' l-oggetti imsemmija*[18]. Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami d-disposizzjoni tal-Ligi li ghandha tigi ikkunsidrata fil-kaz in ezami hija dik taht l-Artikolu 11(3) ta' l-Att XII ta' l-1994 peress illi l-importazzjoni ta' yacht ma tirrizultax that it-Tielet Skeda ta' dak l-Att. L-Artikolu 21(2) ta' l-Att li kien jittratta dwar iz-zmien meta t-taxxa tkun dovuta u meta ghandha tithallas fir-rigward ta' importazzjoni taxxabbli kien jipprovdi li ***t-taxxa li tithallas fuq importazzjoni taxxabbli ssir dovuta fil-waqt meta ssehh l-importazzjoni***[19] *u ghanda tithallas lill-Kontrollur tad-Dwana f'isem il-Kummissarju qabel ma' l-oggetti importati jigu kunsinnati ghall-uzu jew ghall-konsum f'Malta jew mod iehor kif jista' jigi awtorizzat skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' dan l-Att.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi huwa ferm evidenti li l-applikabilità tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward ta' importazzjonijiet, u b'hekk id-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jimponi taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-importazzjoni in kwistjoni, f'dan il-kaz ta' yacht, kienet marbuta maz-zmien ta' l-importazzjoni tal-yacht u mhux maz-zmien tat-trasferiment ta' l-istess yacht minn Eileen Robson jew rapprezentant a favur il-konvenut Tonna u wisq inqas maz-zmien meta l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u/jew il-Kontrollur tad-Dwana seta' sar jaf b'dan it-trasferiment, ghalkemm hawn si tratta skont l-attur minn taxxa li kienet sospiza b'effett tal-Ligi.

Fil-kaz in ezami ghalkemm il-yacht in kwistjoni gie trasferit minn Eileen Robson jew rapprezentant taghha a favur Jonathan Tonna fis-7 ta' Mejju 1995 u ghalkemm dan it-trasferiment gie a konjizzjoni ta' l-attur fl-1999, huwa fatt inkontestat li l-istess yacht gie importat f'Malta minn Robson fit-**30 ta' Gunju 1992** u cioè f'data antecedenti ghall-**1 ta' Jannar 1995** li hija d-data tad-dhul fis-sehh tad-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jimponi u konsegwentement tramite l-Kontrollur tad-Dwana jigbor taxxa fuq il-valur mizjud fuq importazzjoni taxxabbli. B'hekk hija l-fehma tal-Qorti li fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-attur in kwantu delegat mill-imsemmi Kummissarju ma kellhom l-ebda dritt li jimponu u

[18] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[19] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.

jesigu hlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud, skonthom sospiza, fuq l-importazzjoni tal-yacht in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk l-obbligu tal-hlas ta' din it-taxxa partikolari qatt ma seta' jiskatta mat-trasferiment tal-yacht minn Eileen Robson jew rapprezentant taghha a favur Tonna.

Ghal kull buon fini jigi osservat li fix-xhieda li David Sciberras, rapprezentant ta' l-attur, ta waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2010[20], huwa ddikjara li *billi dan il-yacht partikolari kien jeccedi l-hames tunnellati fil-piz ma jitallasx dazju fuqu, izda kienet dovuta VAT li dak iz-zmien kienet ikkalkulata bir-rata ta' hmistax fil-mija (15%) fuq il-valur ta' l-istess yacht li din il-il-hmistax fil-mija (15%) tas-sitt elef u hames mitt Lira Maltin jigu disa' mija u hamsa u sebghin Liri Maltin.* Minn din ix-xhieda jista' jinftiehem li minkejja l-ezenzjoni mill-hlas tad-dazju ta' importazzjoni li kien hemm fir-rigward tal-yacht in kwistjoni xorta wahda kienet dovuta t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-importazzjoni ta' l-istess. Kemm-il darba dan huwa effettivament dak li ried jghid David Sciberras in rapprezentanza ta' l-attur, xorta wahda tibqa' l-problema li fil-kaz in ezami tali taxxa bl-ebda mod ma tista' tapplika in kwantu, jigi ribadit, il-yacht in kwistjoni gie importat f'Malta fit-30 ta' Gunju 1992, ossia f'data qabel id-dhul fis-sehh tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-importazzjonijiet.

Fit-talba tieghu l-attur jitlob ukoll jew ahjar alternattivament il-hlas ta' l-ETI sospiza, pretensjoni din li tirrizulta kkonfermata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur kif già iktar 'l fuq rilevat.

L-ETI hija jew ahjar kienet taxxa tas-sisa fuq oggetti li jkunu importati li kienet tingabar taht l-Artikolu 10 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, Kap.395 tal-Ligijiet ta' Malta, introdott bis-sahha ta' l-Att XII ta' l-1997[21]. L-Artikolu 10(1) ta' l-Att kien jiddisponi li *bla hsara ghal kull haga li tinsab f'dan l-Att, taxxa tas-sisa fuq oggetti li jkunu importati f'Malta ghanda tkun imposta u migbura skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bir-rata ta' hmistax fil-mija fuq il-valur taxxabbli ta' l-oggetti hekk importati u ghanda tithallas lill-Kontrollur tad-Dwana f'isem id-Direttur qabel ma' l-oggetti jew prodotti jkunu mehlusa ghall-uzu jew konsum f'Malta*[22]. L-ezenzjonijiet dwar importazzjonijiet kienu trattati taht l-Artikolu 11 ta' l-Att u s-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi kien jipprovdi li *kull ezenzjoni minn dazji ta' importazzjoni taht l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew taht xi ligi ohra, ghandha titqies li hi wkoll ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tas-sisa taht dan l-Att fuq oggetti importati u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew ta' xi ligi ohra dwar xi ezenzjoni bhal dik ghandhom ukoll japplikaw ghall-ezenzjoni mit-taxxa moghtija taht dan is-subartikolu*[23].

[20] Fol. 96 sa' 99 tal-process.
[21] L-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa gie imhassar bis-sahha ta' l-Att XXIII ta' l-1998 izda d-disposizzjonijiet tieghu baqghu applikabbli ghal kull importazzjoni u kull provvista ta' servizzi u bejgh ta' oggetti prodotti jew maghmula qabel l-1 ta' Jannar 1999.
[22] Sottolinear tal-Qorti.
[23] Sottolinear tal-Qorti.

Bis-sahha ta' l-Avviz Legali Nru.80 ta' l-1997 il-Ministru tal-Finanzi kien stabilixxa d-data ta' l-**1 ta' Lulju 1997** bhala d-data tad-dhul fis-sehh tal-provvedimenti ta' l-Att XII ta' l-1997 hlief ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 u ta' l-Artikolu 78(14) ta' l-imsemmi Att li dahlu fis-sehh fis-17 ta' Gunju 1997, b'hekk l-ETI dahlet fis-sehh u l-Kontrollur tad-Dwana ghan-nom tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa seta' jitlob il-hlas ta' tali taxxa fuq importazzjoni biss b'effett mill-1 ta' Lulju 1997 u certament mhux qabel. Dana naturalment ifisser li l-Kontrollur ma jistax jitlob hlas ta' ETI fuq importazzjoni li sehhet fl-1992 kif hu l-kaz ta' l-importazzjoni tal-yacht in kwistjoni u ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-Att it-taxxa ssir dovuta qabel ma' l-oggett importat jigi mehlus ghall-uzu jew konsum f'Malta, li fil-kaz in ezami jista' jinftiehem li hu l-mument meta Eileen Robson jew rapprezentant taghha ittrasferiet il-yacht a favur il-konvenut Jonathan Tonna – u certament mhux meta l-attur seta' gie a konoxxenza tat-trasferiment, xorta wahda fil-fehma tal-Qorti din it-taxxa partkolari mhux imponibbli w esegibbli f'dan il-kaz stante li dak it-trasferiment sehh f'Mejju 1995 u ghalhekk fi kwalunkwe kaz qabel id-dhul fis-sehh ta' l-ETI. Jigi ulterjorment osservat li ghalkemm fil-kaz in ezami kien hemm fis-sehh ezenzjoni mill-hlas ta' dazju ta' importazzjoni xorta wahda l-ETI ma tistax tintalab ghad illi l-kondizzjonijiet ghall-ezenzjoni gew nieqsa, ghaliex jigi ribadit iz-zminijiet rilevanti fil-kaz in ezami huma kollha antecedenti ghad-dhul fis-sehh ta' din it-taxxa partikolari.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li fl-1 ta' Jannar 1995 – u kwindi fi zmien qabel it-trasferiment tal-yacht minn Eileen Robson jew rapprezentant taghha lill-konvenut Jonathan Tonna – kien hemm fis-sehh l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Att XVI ta' l-1995, li taht l-Artikolu 3 kien jipprovdi li *l-Kontrollur ghandu jitlob u jdahhal akkont tal-Gvern dazju tas-sisa fuq oggetti dazjabbli. Id-dazju li jithallas fuq oggetti dazjabbli jkun bir-rata specifikata fl-Iskeda relevanti li tinsab ma' dan l-Att* u taht l-Artikolu 4 kien jipprovdi li: *(1) ghandu jithallas id-dazju fuq l-oggetti dazjabbli fil-waqt li dawn jigu importati jew malli tintemm il-produzzjoni taghhom, skond il-kaz, u d-dazju ghandu jinhadem bir-rata stabbilita: (a) fil-kaz ta' xi importazzjoni, fil-waqt tar-rilaxx mid-dwana ghal cirkolazzjoni hielsa; (b) fil-kaz ta' produzzjoni f'Malta, fil-waqt li l-oggetti jigu rilaxxati ghall-konsum.* u *(2) Ghandu wkoll isir dovut dazju tas-sisa fuq oggetti dazjabbli fil-waqt u bir-rata stabbilita meta l-kondizzjonijiet li tahthom ezenzjoni, sew jekk ghal kollox jew biss f'parti, tkun inghatat taht xi ligi ma jigux iktar imwettqa, jew fil-waqt li l-oggetti johorgu mill-arrangaent li bih l-oggetti jkunu jistghu jinzammu minghajr hlas ta' dazju jew f'kull waqt u bir-rata stabbilita meta oggetti importati jew prodotti lokalment jinstabu li ma jistax jinghata akkont taghhom skond regolamenti maghmula bis-sahha ta' dan l-Att qabel ma jkun thallas dazju fuqhom.*

Nonostante dak provdut fl-imsemmi Att però l-Qorti hi tal-fehma li dik it-tip ta' taxxa ma tistax tigi imposta fil-kaz in ezami ghas-segwenti ragunijiet: (i) fl-ewwel lok ai termini ta' l-istess Ligi yacht importat f'Malta ma jirrizultax li hu oggett dazjabbli; u (ii) fit-tieni lok, tali taxxa hi se mai dovuta mill-importatur,

kustodju ta’ mahzen ta’ depozt jew produttur, skond il-kaz – Artikolu 8 ta’ l-Att XVI ta’ l-1995. In verità l-Qorti qed taghmel din l-osservazzjoni mhux ghax jidher jew jirrizulta li l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq tali Att, anzi johrog car li l-attur jibbaza t-talba tieghu fuq l-Att tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud u fuq l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, izda qed taghmilha semplicement biex tezawrixxi dawk li fil-fehma taghha huma l-Ligijiet li b’xi mod jistghu jimpattaw fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li thares minn fejn thares lejn it-talba ta’ l-attur din tirrizulta ghal kollox insostenibbli u l-konvenut Jonathan Tonna ghalhekk huwa korrett f’li jeccepixxi li l-ammont reklamat mill-attur ma huwiex dovut. In vista ta’ tali konkluzzjoni jkun ghal kollox superfluwu ghall-Qorti li tittratta it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Tonna u l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Muscat u ghaldaqstant tastjeni milli tieghu konjizzjoni ta’ l-istess.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Muscat u tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Jonathan Tonna, tilqa’ r-raba’ eccezzjoni sollevata mill-konvenut Jonathan Tonna u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------